MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2001

Citazzjoni Numru. 772/2000/1

**Aaron HAROUN**

**vs**

**Onor. Prim'Ministru u l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern u d-Direttur tal-Habs, illum il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ilkoll ghan-nom tal-GVERN ta' MALTA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fil-25 t'April, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi permezz ta' ittra datata 4 t'Ottubru 1996 il-konvenut Ministru ta' l-Intern informa lill-attur illi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dswar is-Servizz Pubbliku il-Prim'Ministru qabel illi l-attur ikun imlahhaq bhala Assistant Manager Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi b'sehh mis-7 t'Ottubru 1996, liema ittra qed tigi hawn mehmuza u markata bhala dokument ittra "A";

Illi ma' l-istess ittra gie mehmuz kuntratt ta' xoghol illi fih gew elenkati r-responsabbilitajiet u d-doveri li kellu jwettaq l-attur kopja tieghu hawn mehmuza u markata bhala dokument ittra "B";

Illi dan il-kuntratt kien maghmul fuq bazi definittiva ghal perjodu ta' sentejn (ara artikolu numru 2);

Illi t-terminu ta' dan il-kuntratt skada fis-7 t'Ottubru ta' l- 1998;

Illi l-artikolu 3 (b) ta' dan il-ftehim jistipula li fit-tmiem ta' dan il-kuntratt, u suggett ghal twettieq sodisfacenti ta' l-imsemmi kuntratt, l-attur kellu jinghata kuntratt t'impjieg ghall-perjodu ta' tlett snin li kellu jiggedded ghall-perjodu iehor ta' tlett snin;

Illi wara l-eghluq ta’ l-ewwel sentejn fl-impjieg, l-attur baqa’ fl-impjieg tieghu u baqa’ jaqdi d-doveri tieghu bhala Assistant Manager fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin;

Illi fit-12 t’Ottubru 1999 il-konvenut Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, permezz ta’ messagg illi halla ma’ Surgent fl-istess Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin gie infurmat li kellu johrog b’“forced leave” minghajr ma giet moghtija lilu spjegazzjoni ghal din id-decizjoni u minghajr ebda indikazzjoni dwar meta kellu jerga’ jirritorna lura ghax-xoghol;

Illi meta l-attur talab lill-konvenut Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin ghar-ragunijiet li waslu ghal din id-decizjoni, huwa ma inghatax twegiba;

Illi minn artiklu riportat f’gurnal lokali nhar it-23 t’Ottubru 1999 li kkwota dikjarazzjonijiet tal-konvenut Onorevoli Ministru ta’ l-Intern, l-attur sar jaf li l-istess Ministru kien stqarr li l-attur kien gie sosiz mill-impjieg tieghu u li l-kuntratt tieghu kien gie terminat u dan qabel ma huwa kien gie mgharraf bl-istess decizjoni mis-superjuri tieghu (kopja ta’ l-istess estratt mill-gurnal qed tigi hawn annessa u markata bhala dokument ittra “C”);

Illi kien permezz t'ittra datata 26 t'Ottubru 1999 mibghuta mill-Assistant Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin lill-atturi kopja taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra "D" l-attur gie mgharraf illi b'effett immedjat mid-data ta' dik l-ittra l-impjieg tieghu bhala Assistant Manager fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kien gie terminat kif ukoll kien gie mitlub sabiex jirritorna lura l-uniformi b'effet immedjat;

Illi mitlub sabiex jaghti r-ragunijiet li waslu ghal tali terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu, il-konvenut Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin baqgha inadempjenti;

Illi din it-terminazzjoni saret ukoll bi ksur tat-termini kontrattwali pattwiti bejn il-partijiet u dan ukoll peress illi l-istess attur ma nghata ebda avviz ta' terminazzjoni ta' tlett xhur kif stipulat fl-artikolu 3 © ta' l-imsemmi ftehim;

Illi jidher car li d-decizjonijiet mehuda u l-eghmil amministrattiv tal-konvenuti jew minn min minnhom huma ultra vires in kwantu ittiehdu bi vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali, huma abbuzivi u saru ghal ghanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tistharreg u tissindaka l-fatti kollha ta' dan il-kaz u b'mod partikolari l-validita ta' l-eghmil amministrattiv tal-konvenuti cioe' l-fatti preliminari li waslu ghad-decizjonijiet kif ukoll id-decizjonijiet li ttiehdu mill-konvenuti jew minn min minnhom u li permezz taghhom (a) l-attur gie mgieghel jiehu l-"forced leave" kif ukoll (b) gie terminat lilu l-impjieg ta' Assistant Manager Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-eghmil tal-konvenuti jew min minnhom cioe' l-fatti u l-proceduri kollha li gew segwiti kif ukoll id-decizjonijiet li ttiehdu mill-konvenuti jew minn min minnhom u li permezz taghhom (a) l-attur gie mgieghel jiehu l-"forced leave" kif ukoll (b) it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-attur minn Assistant Manager Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi huma ultra vires u nulli in kwantu ittiehdu bi vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali kemm fit-twettieq ta' l-eghmil amministrattiv kif ukolll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil, huma abbuzivi billi saru ghal ghanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konventi jew min minnhom huma responsabbili ghal danni naxxenti mill-istess att amministrattiv;

4. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur hawn fuq imsemmi minhabba d-decizjonijiet tal-konvenuti u l-konsegwenzi minnhom derivanti;

5. Kif ukoll illi tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-imghax u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju prezentat fid-29 t'Ottubru 1999 kollox kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tal-attur, fimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet imressqa fid-9 ta' Gunju, 2000, li fiha l-konvenuti eccepew:

1. Illi preliminarjament din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tistharreg u tiddeciedi t-talbiet ta' l-attur u dan ai termini ta' Artikolu 469 A(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

   Dan l-istess artikolu fid-definizzjoni ta' x'inhu ghemil amministrattiv jghid li dan ma jinkludix xi haga li ssir bil-ghan ta' organizzzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita';

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju kemm il-Ministru ta' l-Intern, kif ukoll id-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin mhumiex legittimi kontradittturi

stante li hatriet jew terminazzjoni ta' impjieg fis-Servizz Pubbliku huma mansjonijiet tal-Prim Ministru li jagixxi fuq ir-rakkommandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju peress li t-terminazzjoni tal-impjieg kontrattwali tal-attur saret bis-sanzjoni u fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, il-kwistjoni jekk il-Kummmissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni m'ghandhiex tigi ezaminata minn ebda Qorti;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju billi skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni hatriet jew terminazzjoni ta' karigi ufficcjali fis-Servizz Pubbliku hi fdata f'idejn il-Prim Ministru li jagixxi fuq ir-**Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku** u tali terminazzjoni fil-fatt saret biss wara li giet ricevuta din ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u ghalhekk saret skond il-ligi;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti t-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi agixxew fil-parametri tal-ligi u harsu l-gustizzja naturali fil-konfront ta' l-attur u kien biss wara xhur fejn l-attur kien kontinwament avzat li ma kienx qed jaqdi d-doveri ta' l-impjieg tieghu li gie terminat l-istess impjieg;

6. Illi għalhekk l-ebda dannu ma gie kkawzat mill-konvenuti lill-attur;

Salvi eccezzjonijiet oħra permessi mil-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-xiehda tal-konvenuti;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fuq il-kwestjoni tal-kompetenza ta' din il-Qorti li tistharreg u tqis it-talbiet minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 469A (6) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta' Frar, 2001, li bih halliet il-kawza għal-lum għal decizjoni dwar dik l-ewwel eccezzjoni preliminari;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, bl-eccezzjoni gurisdizzjonali taht esami, il-konvenuti qeghdin jghidu li din il-Qorti ma tistax tibqa' tisma' l-kawza mibdija mill-attur ghal zewg ragunijiet: l-ewwelnett, minhabba

li l-kwestjoni mqanqla bl-azzjoni attrici tirrigwarda n-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt tal-impieg tal-attur mal-Gvern, u li tali ingagg huwa mhares b'regoli specjali apposta ghalih li jzommu kull qorti milli tindahal dwarhom [art. 469A (6)]; u t-tieninett, li ladarba l-azzjoni attrici hija wahda dwar stharrig ta' ghamil amministrattiv, in-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt ta' ingagg tal-attur ma titqiesx bhala ghamil amministrattiv kif imfisser mil-ligi ghax tirrigwada "xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'" [art. 469A (2)];

Illi l-kwestjoni kollha tal-kawza kif imressqa mill-attur inholqot minhabba li l-impieg tieghu bhala *Assistant Manager* tal-Facilita' korrettiva f'Kordin ma giex imgedded, wara li kien gie mgedded l-ewwel zmien miftiehem fil-kuntratt tal-impieg, bla ma nghata avviz kif imfisser fil-kuntratt tieghu u bla ma nghata r-raguni ilghaliex ittiehdet din id-decizjoni dwaru jew, ghall-naqas, l-opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu. Kellu jsir jaf bid-decizjoni tas-sospensjoni u n-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt tieghu tal-impieg l-ewwel darba minn fuq gurnal, billi sa dak inhar ma kienx ircieva l-ebda taghrif dwar il-qaghda tieghu, ghajr li kien ordnat johrog b'*leave* furzat;

Illi, kif gie mgharraf fl-ittra tal-hatra [ Dok "A", f'pagna 6 tal-process], l-ingagg tal-attur kien regolat b'kuntratt miktub, ghal zmien ta' sentejn (2) li, skond il-mod ta' twettieq xieraq ta' xoghlu, kien jiggedded ghal zmien iehor ta' tliet (3) snin, liema zmien jiggedded b'perjodi ohrajn ta' tliet (3) snin kull wiehed. Fuq kollox, il-hatra tal-attur kienet rakkomandata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kif ukoll bi qbil tal-istess Kummissjoni ma giex imgedded il-kuntratt tieghu [Dok "D", f'pagna 15 tal-process];

Illi, skond ma argumenta l-abbli difensur tal-konvenuti waqt it-trattazzjoni, l-eccezzjoni preliminari in esami kienet mibnija fuq il-fatt li l-ligi nnifisha taghmilha cara li s-servizz mal-Gvern, bhalma kien dak tal-attur, m'huwiex sindakabbli mill-Qrati ghajr fil-limiti stretti li l-ligi nnifisha ssemmi. Huwa jislet din il-fehma wkoll minn tradizzjoni twila ta' decizjonijiet tal-qrati Maltin imsejsa fuq l-applikazzjoni ta' d-Dritt Amministrattiv Ingliz, liema qaghda ssoktat issehh ukoll wara li Malta kisbet l-Indipendenza politika taghha [b'esempju issemmiet is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-**18 ta' Frar, 1966** , fil-kawza flismijiet *Anthony Darmenia et vs Onor. George Borg Olivier et];*

Illi, fil-fehma tal-legali tal-konvenuti, issa li l-artikolu 469A (6) tal-Kap 12 gie maghdud proprju taht is-Sub Titolu VII tat-Titolu VIII tal-Kodici tal-Procedura (li jirrigwarda Proceduri Specjali) kelma b'kelma ma' dak li kien jipprovdi l-artikolu 743 (5) tal-Kodici fl-1981 (li kien jillimita l-gurisdizzjoni tal-Qrati u li llum gie mnehhi minn dik it- taqsima), bilfors juri li l-legislatur ried jillimita l-gurisdizzjoni tal-Qorti milli tisma' kaz bhal dak tal-attur f'din il-kawza;

Illi, minbarra dan, issokta jinghad f'isem il-konvenuti li ukoll kieku ma kienx hemm id-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (6) tal-artikolu 469A, dak li sar dwar in-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt tal-attur xorta ma kienx jaghti setgha lill-Qorti tisma' l-kaz, ghaliex kien jikkonsisti f'att li sar b'ghan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi hdan id-Dipartiment partikolari tal-Gvern, liema ghamil jaqa' ghall-konsiderazzjoni u taht is-setghat esklussivi tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

Min-naha tieghu, l-abbli difensur tal-attur tenna l-ghan tal-legislatur li jdahhal fis-sistema guridiku Malti r-rimedju tal-Istharrig Gudizzjarju fl-1995, kien proprju biex jaghti rimedju lic-cittadin kontra l-limitazzjonijiet li kienu nholqu bl-Att VIII tal-1981. Minbarra dan, l-bidliet li sehhew fil-ligi procedurali fl-1995 f'dan il-qasam kienu rifless ta' zviluppi li sehhew fil-hsieb legali matul is-snin f'sistemi ta' dritt barranin, mhux l-anqas fis-sistema Ingliz;

Illi dan iwassal, skond il-fehma tal-attur, biex jekk il-legislatur ikun ta rimedju lill-individwu kontra l-ghamil amministrattiv, miftuh ghalih bil-mezz ta' indagni gudizzjarja, ma jkunx xieraq li dan ir-rimedju jitnehha malajr u mal-ewwel oggezzjoni u jingieb fix-xejn. Ghax jekk il-hsieb ewlieni wara dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi kien li jigi zgurat li l-imgieba tal-Gvern fil-konfront ta' individwu tidher li qeghda titwettaq b'mod xieraq, dan ghandu jithalla jsir minn organu imparzjali rappresentat mill-qrati;

Illi, bi twegiba ghal dak li ssottomettew il-konvenuti, l-attur qal li, fl-ahhar mill-ahhar, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ghoti, maz-zamma jew mat-temm ta' ingagg ta' ufficjal pubbliku, is-setgha fattwali u ahharija tinsab fil-Prim Ministru u mhux fil-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, u ghaldaqstant l-insindakabilita' msemmija mill-konvenuti taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghal dan il-kaz. Il-qofol tal-kwestjoni li tifforma l-mertu ta' din il-kawza huwa l-ksur ta' rabta mnissla minn kuntratt min-naha tal-konvenuti, jew min minnhom, u l-process li wassal ghal dak it-tmiem;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Qorti tifhem li meta, fl-1995, il-legislatur dahhal fis-sistema procedurali Malti d-disposizzjonijiet tal-Istharrig Gudizzjarju ta' Azzjoni Amministrativa, kien qieghed jaghti rimedju procedurali gdid u specifikat lil individwu li jhoss li jkun garrab xi hsara minhabba ghamil amministrativ. Il-fehma tal-istess legislatur kienet ukoll li din l-istharrig isir mill-Qrati. Wiehed ghalhekk jistenna li l-ghan kien li johloq rimedju u sedi fejn tali rimedju jista' jigi mistharreg u moghti;

Illi hija haga li wiehed jifimha li, meta nghata r-rimedju, l-istess legislatur fassal ukoll il-limiti li fihom l-azzjoni ghar-rimedju tista' titwettaq, u dan billi halaq eccezzjonijiet ghall-applikazzjoni tar-rimedju. Izda, bhala eccezzjoni, tali limitazzjonijiet ma jsirux ir-regola. Ghalhekk, wiehed irid iqis sewwa li jekk disposizzjoni [bhalma hija dik li tinsab fl-artikolu 469A (6)] qabel kienet tinsab f'taqsima tal-Kodici tal-Procedura li kienet meqjusa bhala limitu kontra l-gurisdizzjoni tal-Qrati [l-artikolu 742 (5) li llum tnehha] u llum tinsab f'taqsima li hija mfassla biex taghti gurisdizzjoni lill-istess Qrati, tali disposizzjoni (ukoll jekk meqjusa bhala eccezzjoni ghall-gurisdizzjoni) ghandha tigi mfissra b'mod li jnaqqas kemm jista' l-applikazzjoni taghha u mhux jaghmilha n-norma ewlenija li ggib fix-xejn ir-rimedju principali;

Illi, minbarra dan, wiehed irid iqis ukoll l-imsemmi artikolu 469A (6) fid-dawl tal-fehmiet aggornati dwar il-qaghda tas-servizz pubbliku f'ghajnejn il-ligi. Irid tassew jinghad li, illum il-gurnata, l-ideja li s-servizz pubbliku huwa rabta "non legali" - fis-sens li s-setgha tal-Istat bhala successur tal-Kuruna li jaghti ingagg u li jtemm l-ingagg ma tistax tigi mistharrga minn hadd

jew m'hijiex ghajn ta' jeddijiet civili - ixxellfet jekk mhux sahansitra twarrbet ghal kollox;

Illi huwa minnu li r-rabta bejn l-ufficjal pubbliku u min ihaddmu hija wahda specjali, imma b'daqshekk din il-karatteristika ma tfissirx li dik ir-rabta ma tnissilx obbligi u jeddijiet civili reciproci. U wahda mis-sisien ewlenin tal-istitut tal-Istharrig Amministrativ huwa dak li johloq makkinarja li jizgura li tali obbligi u jeddijiet jigu mharsin u msoffijin mill-arbitrarjeta'jew l-abbuz tal-poter;

Illi, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, isegwi li ladarba r-rabta bejn l-ufficjal pubbliku u l-Gvern taghti lok ghal drittijiet u obbligi lejn xulxin, jekk xi wahda mill-partijiet tqis li l-ohra naqset li timxi skond tali rabta, irid jinghatalha r-rimedju biex dak in-nuqqas jigi maghruf u, jekk ikun il-kaz, li jinghata rimedju ghal kull hsara li l-istess nuqqas seta' gab lil dik il-parti;

Illi, bis-sahha tas-setghat normali li kull Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja thaddan fit-twettieq tad-dmirijiet taghha, l-esami tad-drittijiet u obbligi civili li jitnisslu minn kuntratt u li wahda mill-partijiet tallega li nkisru fil-konfront taghha mill-parti l-ohra, tabilfors irid isir minn tali Qorti sakemm, fil-kliem espress ta' xi ligi specjali,dak ix-xoghol jithalla f'idejn tribunal specjali;

Illi dan il-punt gie mifli b'reqqa wkoll mill-Qrati taghna, b'mod partikolari mill-Qorti tal-Appell f'sentenza moghtija fil-**5 t'Ottubru, 1998**, fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*, fejn inghatat tifsira xierqa u aggornata ta' l-artikolu 469A (6) tal-Kap 12;

Illi, b'zieda ma' dan, irid jinghad ukoll li, fuq l-iskorta ta' decizjonijiet moghtija fl-ahhar snin mill-Qorti Ewropeja, ic-cahda li l-Qrati ordinarji jgharblu u jindahlu fi kwestjonijiet bejn l-ufficjal pubbliku u l-Istat qeghda kulma jmur titwarrab. Dan sehh ghaliex qieghed jigi maghruf il-principju li meta l-ufficjal pubbliku jidhol f'rabta mal-Istat li jingaggah, jitnisslu drittijiet u obbligi civili li, ghat-tifsira jew definizzjoni ta' kwestjonijiet imnissla minnhom, jaghtuh il-jedd jersaq lejn il-Qrati indipendenti u imparzjali;

Illi din il-bixra wkoll giet apprezzata u adottata mill-Qrati taghna. Dawn gharfu li, f'kaz ta' xilja ta' ksur ta' ftehim minn parti fil-konfront ta' parti ohra (u b'hekk, allura, xilja ta' ksur ta' drittijiet civili), il-Qorti ordinarja ghandha l-kompetenza li tiddetermina hi jekk ghandhiex il-gurisdizzjoni li tqis il-kwestjoni u li taqtaghha. Fi kliem iehor, id-determinazzjoni dwar il-gurisdizzjoni hija esercizzju li jrid isir mill-Qorti u mhux jigi mcahhad lilha *ab initio* bla ma tista' taghmel xejn;

Illi, inghad ukoll li ghar-rigward tal-artikolu 469A (6), dik id-disposizzjoni tal-ligi ghandha tigi interpretata b'mod restrittiv, u f'kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur li jkun hemm stharrig gudizzjarju ta' l-ghamil amministrattiv u mhux il-kontra. Qeghda ssir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-**9 ta' Frar, 2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Helen Borg et vs Il-Prim Ministru et*** li hassret decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti dwar jekk kellhiex gurisdizzjoni jew le li tisma' l-ilment tal-atturi (f'dak il-kaz ghalliema mal-Gvern) li allegaw ksur tal-ftehim kollettiv;

Illi, ghar-rigward tat-tieni sottomissjoni tal-konvenuti fis-sens li, fil-kaz presenti, d-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tal-attur li l-

ingagg tieghu ma jergax jiggedded kienet decizjoni mahsuba bhala misura ta’ organizzazzjoni u tmexxija interna fi hdan l-istess awtorita’, din il-Qorti thoss li biex jigi mistharreg jekk dan hux minnu jew le, tabilfors li din il-Qorti trid taghmel indagni. Dan jimplika, allura, li jkollha s-setgha (jigifieri l-gurisdizzjoni) li taghmel dan l-accertment bis-smiegh tal-provi u b’kull mod iehor li l-ligi tikkontempla. Mela, fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak l-argument tal-konvenuti, altru milli jxejjen is-setgha ta’ din il-Qorti milli tiehu konjizzjoni tal-ilment tal-attur, imma, ghall-kuntrarju, jnissel il-htiega li dik is-setgha tesercitaha;

Ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad l-**ewwel eccezzjoni tal-konvenuti** bhala mhux misthoqqa, u tiddeciedi li, fil-limiti ta’ dik l-eccezzjoni, m’ghandhiex tieqaf milli tisma’ l-kawza, u ghalhekk qeghda tordna li l-kawza tissokta bis-smiegh.

L-ispejjez ta’ dan l-episodju jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------